# RIŻORSA 11

Il-Lega tan-Nazzjonijiet ġiet stabbilita fl-1919, b'segwitu għall-Ewwel Gwerra Dinjija. It-tama kienet li din l-organizzazzjoni internazzjonali kienet se żżomm il-paċi fid-dinja billi tgħaqqad bosta nazzjonijiet flimkien f'kooperazzjoni. Għalkemm ma rnexxilhiex tilħaq l-objettiv tagħha li tipprevjeni kunflitt globali, fil-fatt rawmet il-kooperazzjoni internazzjonali f'ħafna oqsma, bħall-għajnuna lir-rifuġjati.

Fl-1922, il-Lega tan-Nazzjonijiet introduċiet 'il-passaport Nansen'. Hawnhekk tista' tara eżemplari tiegħu, bit-timbri u l-viżi li kienu jippermettu li rifuġjat jivvjaġġa. Dan id-dokument ta' identifikazzjoni u ta' vvjaġġar ikkonċeda rikonoxximent uffiċjali lir-rifuġjati u l-persuni mingħajr stat, u ppermettielhom jiċċaqalqu b'mod ħieles bejn il-fruntieri nazzjonali. Il-passaport – imsemmi għal Fridtjof Nansen, il-Kummissarju Għoli tal-Lega għar-Rifuġjati – inħareġ minn 52 gvern.

Illum, is-suċċessuri tal-passaport Nansen huma d-dokumenti ta' vvjaġġar għar-rifuġjati li jinħarġu b'mod indipendenti minn pajjiżi differenti.

Itlob lill-istudenti jiddiskutu jekk dokument internazzjonali bħall-passaport Nansen jistax jerġa' jiġi introdott fil-ġurnata tal-lum. Tkun idea tajba? Għaliex, jew għaliex le?




*Source: League of Nations Archives, Office of the United Nations, Geneva*